MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1201/2002/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Francis X. Bugeja u l-istess Francis X. Bugeja**

**Vs**

**Joseph Zahra.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mitejn u hamsa u tletin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,235.20), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fiz-Zurrieq fit-3 ta' Awissu 2001 bejn vettura Fiat Punto bin-numru GAQ 116 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Skoda Favorit bin-numru BAT 609 misjuqa mill-attur Francis X. Bugeja u assikurata b'polza *comprehensive* mal-Untours Insurance Agents Ltd noe.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ta' l-atturi u ddikjara li l-incident sehh minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur li baqa' hiereg minn fuq *stop sign*.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz taghha talab il-hlas tas-somma ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560) danni sofferti fl-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-incident in kwistjoni sehh f'salib it-toroq bejn Rokku Buhagiar u Triq De Mello, Zurrieq.

2. Il-vettura tal-marka Skoda Favorit numru BAT 609 kienet qeghda tinstaq mill-attur Francis X. Bugeja u harget minn fuq *stop sign* li hemm fit-tarf ta' Triq Rokku Buhagiar. Min-naha l-ohra l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghaddejja minn Triq De Mello.

3. Mill-provi rrizulta li Triq De Mello hija triq principali filwaqt li Triq Rokku Buhagiar hija triq sekondarja. Irrizulta wkoll li l-attur ma waqfx wara l-*istop sign*. Fil-fatt ex admissis iddikjara: *"jiena u hiereg minn Triq Rokku Buhagiar ma waqaftx wara l-istop sign, pero' sslowjajt il-vettura kif isir normali, harist fuq in-naha tax-xellug kif ukoll fuq in-naha tal-lemin, rajt li vetturi ma kienux gejjin, u ghalhekk bqajt hiereg bil-mod"* [fol. 30]. L-attur kompla jixhed li l-incident ma rahx isehh. Tant hu hekk li, *"l-ewwel smajt il-hoss, imbaghad rajt il-vettura tal-konvenut"* [fol. 29].

4. Il-vettura ta' l-attur sofriet danni estensivi tant li kienet *"beyond economical repair"*.

5. Il-pulizija li nvestiga l-kaz (PC 1577 S. Magro) spjega li fl-ewwel skizz li ghamel kien ha zball, fis-sens li l-*istop sign* minn fejn hareg l-attur hija ndikata iktar il-gewwa minn fejn suppost tidher. Huwa kkonferma wkoll li kien hareg skizz iehor (fol. 45) li kien dak korrett. It-Tribunal ma jistax ma josservax pero li l-kejl ta' xi distanzi jvarjaw bejn l-iskizz a fol. 21 u l-iskizz a fol. 45 tal-process.

6. Minkejja dan kollu, mhuwiex kontestat li l-attur hareg minn triq sekondarja minghajr ma waqaf wara l-*istop sign*. Huwa maghruf li *side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel johrog fiha, u jimxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista' johrog bla hsara. Sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **H. Farrugia vs R. Ripard** deciza fil-15 ta' Frar 1974, li *"meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karrozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox"*. Dan apparti l-fatt li Stop Sign ma tfisser xejn ghajr *"obbligu perentorju li kellu jieqaf wara s-Stop Sign u li ma jazzardax jirfes fuq it-triq principali qabel ma jaccerta ruhu li din kienet assolutament libera"* [Qorti ta' l-Appell – **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza fil-15 ta' Jannar 1997]. Kif jinsab konfermat f'bosta sentenzi, *"il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkun qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt"* [Appell Civili, **Mag. A. Stagno Navarra vs N. Saliba** – Vol. XLV.i.389; **Il-Pulizija vs G. Buttigieg et** – Vol. XLVII.iv.1198; Appell Civili, **Camilleri vs Dimech** deciza fis-27 ta' Lulju 1991; P'Awla tal-Qorti Civili, **Portelli vs Spiteri** deciza fis-16 ta' Dicembru 1993].

7. Huwa fatt inkontestat li l-obbligu ta' l-attur kien li jibda u jispicca l-manuvra kollha li ried jaghmel b'sikurezza ghalih u ghal vetturi l-ohrajn. Is-sewqan ma jsirx bl-izgiccaturi. Il-fatt li kien hemm karrozza pparkjata fuq ix-xellug tieghu kienet semmai timponi fuq l-attur iktar attenzjoni qabel ma jazzarda johrog fuq il-*main road*. Kieku l-attur kien qieghed izomm *'a proper lookout'* kien

jara, fil-fehma tat-Tribunal, *what is in plain view*. Il-fatt li l-ewwel darba li ra l-vettura tal-konvenut kienet wara li sehh l-incident, mhu xejn ghajr konferma li l-attur baqa' hiereg minn Triq Rokku Buhagiar minghajr ma hares jew fl-ahjar ipotezi ghalih ma harisx sew qabel hareg.

8. Fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut, fl-okkorrenza a fol. 18 – 20 l-attur iddikjara: *"I was coming from Rokku Buhagiar str and while crossing the road, I saw an oncoming vehicle very close to me as a jet when suddenly the collision occurred"*. Jibda biex jinghad li fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal, l-attur qal li kien biss wara l-impatt li ra l-vettura tal-konvenut. Ma semma xejn dwar velocita tal-vettura l-ohra. F'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (JSP) fit-23 ta' Marzu 1993 fil-kawza fl-ismijiet: **A. Stanley vs A. Zahra**, il-Qorti ddikjarat: *"gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user u sija jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocitia' eccessiva fiha infisha ma tistax titqies a priori bhala fattur detterminanti ghar-responsabbilta ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita eccessiv kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut"*. Jibda biex jinghad li ma tressqux provi sodisfacenti li l-konvenut kien qieghed isuq b'velocita eccessiva u li din kellha element determinanti li ta lok ghall-incident.

9. B'riferenza ghal posizzjoni li tidher fiha l-vettura Fiat Punto GAQ 116 fuq l-iskizz li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz, jigi osservat li *"il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver huwa htija ta' kollizzjoni li tigri…. Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user li bl-ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-main road user ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni avolja hu kien isuq il-karrozza fuq il-crown of the road, minflok fuq ix-xellug*

*taghha kif jippreskrivu r-regolamenti"* (Vol. XXXVII.iv.1137). Fix-xhieda tieghu il-konvenut ikkontesta l-posizzjoni tal-vettura tieghu kif murija fuq l-iskizz. Jinghad ukoll li bejn l-iskizz a fol. 21 u dak a fol. 45 hemm avarija fil-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut. Madankollu u f'kull kaz, it-Tribunal jemmen li kienet x'kienet il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut, is-sewqan ta' l-attur kien dak li unikament wassal sabiex isehh l-incident meritu tal-kawza. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-attur ried u kien qieghed jaqsam it-triq principali kollha u l-posizzjoni tal-vettura GAQ 116 fit-triq ma kellha l-ebda effett.

10. B'riferenza ghad-danni, il-konvenut ressaq provi sodisfacenti li d-danni sofferti huma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) [fol. 48 – 52].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-atturi, u fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali jikkundanna lill-attur Francis X. Bugeja jhallas lill-konvenut is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bhala danni. L-imghax jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez fir-rigward tat-talba ta' l-atturi huma kollha ghak-karigu taghhom, filwaqt dawk relatati mat-talba rikonvenzjonali huma ghak-karigu ta' l-attur Francis X. Bugeja.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------